MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 124/2011

Kawza fil-lista: 19

**X Y f' isimha proprju**
**u ghan-nom u bhala kuratrici ta' bintha minuri Z Y**
**vs**
**Q P,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-konvenut Q P twieldet il-minuri Z fil-15 ta' Settembru 1998; li t-testijiet xjentifici tad-DNA jikkonfermaw li l-minuri hija l-wild naturali tal-konvenut Q P; li dan il-konvenut ma jridx jaghraf lit-tifla bhala bintu, minkejja li gie debitament interpellat ghal dan il-fini; ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-minuri Z Y hi l-wild naturali tal-intimat Q P u li l-intimat Q P hu l-missier naturali tal-istess minuri Z Y.

2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri Z Y, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier il-kliem "unknown father", u minflok jinserixxi isem u kunjom l-intimat Q P, in-numru tal-karta tal-identita' tal-intimat li hu <karta tal-identita'>, il-professjoni jew sengha, l-eta' il-post tat-twelid u residenza tal-intimat Q P u kif ukoll isem u kunjom missieru, u jekk l-imsemmi missieru hux haj jew mejjet, danakollu skont il-provi li ser jirrizultaw fil-kawza, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba b' dana illi l-minuri ghandu jzomm kunjom ir-rikorrenti, u jekk jehtieg, f' kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Q P li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li tinsab inserita a fols.14 et seq. tal-process;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla Z - li hi weldet fil-15 ta' Settembru 1998, u li fl-att tat-twelid taghha numru 3523/1998, hi registrata bhala wild ta' missier mhux maghruf – hija fil-fatt it-tifla bijologika tal-konvenut Q P.

Dan il-konvenut, min-naha tieghu, filwaqt li jaqbel mat-talbiet attrici, jsostni li hu m' ghandux ibati spejjez tal-

kawza stante li huwa “dejjem iddikjara li kien lest li jaghraf il-minuri …. bhala bintu naturali, izda mhux b’kondizzjonijiet ingusti, eccessivi u ezigenti rikjesti mir-rikorrenti.”[1]

Illi mill-provi jirrizulta li minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-konvenut Q P twieldet it-tifla Z fil-15 ta’ Settembru 1998; u ghalhekk il-konvenut huwa l-missier naturali ta’ din it-tifla, kif konfermat ukoll mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici.

Illi jirrizulta wkoll, mhux kontraddett, li l-konvenut minn qabel li twieldet it-tarbija kien jirrifjuta li jaccetta li din kienet il-wild tieghu;  u anke wara t-twelid taghha, u anke wara li kien sar it-test tad-DNA huwa baqa’ jirrifjuta li jirrikonoxxi lil bintu.  Ghaldaqstant huwa ghandu jbati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma sostnuti mill-provi, u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li l-konvenut Q P huwa il-missier naturali u bijologiku tat-tifla Z li twieldet mill-attrici fil-15 ta’ Settembru 1998;  u tordna l-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-att tat-twelid, fit-termini tat-tieni talba.

Spejjez a kariku tal-konvenut Q P.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Fol.17